

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7602 — Deutsche Telekom Group/MET Holding/JV)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 246/10)

1. Fis-17 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Magyar Telekom Nyrt. ("Magyar Telekom" tal-Ungerija) ikkontrollata minn Deutsche Telekom AG u MET Holding AG ("MET Holding" tal-Ungerija) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta (joint venture) ("JV", l-Ungerija) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Magyar Telekom hija kumpanija attiva prinċipalment fil-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet fl-Ungerija kkontrollata minn Deutsche Telekom. Huwa wkoll fornitur tal-enerġija bl-imnut billi jipprovdi servizzi tal-elettriċità u tal-gass naturali għall-konsumaturi, billi jissupplixxi lil klijenti residenzjali u klijenti mhux residenzjali.

— MET Group, grupp ta' impriżi li huma biss proprjetà tal-kumpanija azzjonarja MET Holding li hija attiva fis-suq Ewropew, fost oqsma oħra, fil-kummerċ, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-gass, l-elettriċità, iż-żejt u prodotti oħra taż-żejt. MET Group hija preżenti f'14-il suq nazzjonali tal-gass u fi 13-il ċentru tal-gass Ewropej.

— JV se tkun attiva fil-forniment bl-imnut tal-gass u l-elettriċità fl-Ungerija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7602 — Deutsche Telekom Group/MET Holding/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").